# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-it-Tnejn 4 ta' Marzu, 2019

**Rikors numru: 515/2018 JPG**

**Kawza numru: 24**

**SM**
**vs**
**AF**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' SM datat 21 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hija zzewwget lill-intimat AF fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru elf disa' mija sitta u sebghin (24.09.1976) fil-Knisja Parrokjali ta' Ta' Xbiex u z-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn sebgha u tletin tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (2037/1976) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler fit-tletin ta' April tas-sena elf disa' mija disa u disghin (30.04.1999) – (kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni – Dok B).*

*Illi l-partijiet ma kellhomx ulied minn dan iz-zwieg.*

*Illi hija ddiskutiet mal-avukat taghha Dottor Ian Micallef il-possibilita ta' rikonciljazzjoni u nghatat mill-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni*

*kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (Dikjarazzjoni annessa Dok C), u ikkonkluda li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti SM titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li z-zwieg taghha ma' AF hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir- Registratur tal-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrenti SM** xehdet a fol 16 *et seqq.* illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Settembru 1976 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-30 t'April 1999 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**L-intimat, AF** xehed a fol 14 *et seqq.* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

> ***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*
>
> ***66B.** * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> *(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
>
> *(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
>
> *(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*
>
> *Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom tal-24 ta' Settembru 1976 (vide Dok A certifikat taz-zwieg a fol 3), illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 30 t'April 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide

Dok B a fol 4 et seqq.), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin. Minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**